MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 218/2023 LM

**Brian Fenech (K.I. 512574M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat; u**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' April, 2023 mir-rikorrent **Brian Fenech (K.I. 512574M)**, [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett;*

1. *Illi l-imputat ġie mressaq il-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Marzu, 2014 bħala Qorti Struttorja mixli b'diversi reati. Il-kawża kriminali ilha għaddejja diversi snin u ġew leżi d-drittijiet tiegħu hekk stabbiliti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
2. *Dakinhar kienet ħarġet ordni ta' iffriżar kontra l-attur ai termini tal-Artiklu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-proċeduri ta' Malta kontra l-attur għadhom għaddejjien sallum il-ġurnata u għadhom jinstabu fl-istadju tal-*

*provi tal-prosekuzzjoni. L-ordni tal-iffriżar imsemmija għadha hekk fis-seħħ bis-saħħa tal-artikolu 22A tal-Kapotlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta skont proċeduri jiġu deċiżi b'mod finali jew sakemm is-sentenza tiġi eżegwita u l-akkuzt jinsab ħati;*

3. *Illi l-esponenti għandu partner Ingliża li minnha kellu tarbija li llum għandu tliet snin u li għandu problema akuta f'għajnejh li ta' spiss ikollu jitla l-Ingilterra għal operazzjonijiet;*
4. *Illi l-esponenti kellu karozza qabel ma ġie akkużat u l-assi ġew iffriżati fejn talab lill-Onorabbli Qorti inħallaw mill-ordni ta' iffriżar billi kien xtara qabel l-akkużi u issa għadda ħafna żmien li minkejja li għamel ir-rikors għax ma jistax iħallas l-insuranca baqa bla risposta;*
5. *Ukoll ġie negat id-dritt l jixtri proprjetà minflok qiegħed iħallas kera u jħallas il-*loan repay,emts *liema dritt ġie negat lilu;*

*Tgħid għalhekk din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofera leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-posseddiment tiegħu kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott l-kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta*
2. *Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra wkoll leżjoni tad-dritt tal-Artiklu 7 tal-konvenzoni Ewoqea Ewrope, L-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Arrtiklu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liuijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni ta' iffriżar qiegħed jinflinġi fuq piena konegwnbzali mill-eħrex mingħajr ma huwa ħati li kkommetta reat uu di piu d-dewmien esagerst li spiss kien mgħoddi minn Maġistrat għall-ieħor*
3. *Tannulla u tirrevoka l-ordni tal-iffriża lriminali fl-ismijiet Pulizija vs Brian Fenech*
4. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;*
5. *Tordna lill-intimat jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*
6. *Tordna tagħti dawk il-prvedimenti kollha li hija tħoss neċessarju sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*Bl-imgħax kontra l-intimatri li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat** u **l-Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li hu sofra leżjoni tal-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.*

*It-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qabel ma jingħataw l-eċċezzjonijiet, sejjer isir aċċenn għall-fatti pertinenti sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha l-isfond kollu quddiemha.*

***<u>L-Isfond</u>***

*Fl-20 ta' Marzu, 2014, ir-rikorrent tressaq flimkien ma' ċertu Eligio Zerafa, bl-imputazzjoni prinċipali tkun ta' assoċjazzjoni biex jittraffikaw id-droga. Dawn il-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Fenech et** għadhom pendenti sal-lum il-ġurnata.*

*Dakinhar tal-peżentata, il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex toħroġ ordni ta' ffriżar. Din it-talba kienet milqugħa u l-istess qorti ħarġet ordni ta' ffriżar ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A ta-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Ir-rikorrent ma eżawriex ruħhu mir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 23A(5), u ċioe ma talabx lill-Qorti Kriminali sabiex tordna r-revoka tal-ordni.***

*Matul is-snin, ir-rikorrent għamel numru ta' talbiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u l-Qorti Kriminali biex, minkejja l-ordni ta' ffriżar maħruġa kontrih, ikun jista' jagħmel pagamenti u jirtira flejjes. Kif ser jirriżulta fil-mori ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent dejjem ottjena dak li xtaq wara li jkun għamel ir-rikors appożitu u l-unika istanza li talba tiegħu ma ntlaqgħetx kien meta, tliet xhur wara li kien ordnat biex jippreżenta ċerti dokumenti, ippreżenta d-dokumenti tiegħu fil-forum ħażin u għalhekk it-talba ma ġietx degretata b'mod konklussiv.*

***<u>L-Eċċezzjonijiet</u>***

1. *Preliminarjament, l-esponent Avukat Ġenerali ma hijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u konsegwentement għandha tiġi **liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.***

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost,* ai termini tal-provisos *tal-**Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 4(2) tal-Kap. 319**, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha in vista tal-fatt li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li, għal raġunijiet li jaf hu biss, ma utilizzahx. Dan jingħad għaliex filwaqt li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar l-ordni ta' ffriżar u l-effetti tagħha, kif diġà ġie aċċennat u ser jiġi muri f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrent baqa' passiv wara l-*

*ħruġ tal-ordni ta' ffriżar kontrih. Ir-rikorrent ma għandux jinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali – rimedju straordinarju – sabiex jottjeni dak li faċilment seta' jottjeni kieku ħa inizjattiva fil-mument opportun.*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u* ***fil-mertu****, in kwantu għall-allegat ksur tal-***Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni*** *u tal-***Artikolu 7 tal-Konvenzjoni****, ċertament ma hemm ebda ksur ta' dan il-jedd fundamentali. L-artikoli in kwistjoni jħarsu l-prinċipju bażilari ta'* nullum crimen sine lege. *Fir-rikors promutur, ir-rikorrent jallega li l-ordni ta' ffriżar effettivament infliġġiet dak li hu ddeskriva bħala piena mill-eħrex mingħajr meta hu għadu ma ġiex misjub ħati.*

   *L-ilment tar-rikorrent huwa fuq miżura kawtelatorja, mhux reat jew piena. Huwa paċifiku li l-artikoli in kwistjoni huma applikabbli biss fir-rigward ta' disposizzjonijiet li jfissru reati u l-penali li jikkorrispondu għall-istess reati; mhux għal liġijiet proċedurali bħal ma huma ordnijiet ta' ffriżar (ara per eżempju,* ***Sebastian Dalli vs. l-Avukat tal-Istat et****, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Marzu, 2022).*

   *Konsegwentement, ċertament ma tista' tinstab ebda leżjoni ta' dawn l-artikoli.*

4. *In kwantu għall-***Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll****, jibda billi jingħad li r-rikors promutur mhuwiex wisq ċar kif allegatament seħħet din il-leżjoni. Minn dak li jistgħu jisiltu l-esponenti, l-ilment jidher li hu dwar ċerti inkonvenjenzi li r-rikorrent seta' ħass matul is-snin.*

   *Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permissibbli jekk:*

   *i. il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;*
   *ii. l-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;*
   *iii. il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.*

   *F'dan il-każ, l-ordni ta' ffriżar saret taħt* ***qafas legali*** *u dan peress li nħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja* ai termini *tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9.*

   *In kwantu għall-***għan leġittimu****, għandu jiġi mfakkar li l-ordni ta' ffriżar hi għodda tal-Prosekuzzjoni maħsuba biex isservi żewġ għanijiet. L-ewwel għan huwa l-iffriżar tal-assi kollha tal-persuna milquta sabiex ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija b'reati fejn tipikament ikun hemm flejjes illeċiti – f'dan il-każ it-traffikar tad-droga – hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġ żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar*

*biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-illegalitajiet li tkun wettqet.*

*It-tieni għan huwa sabiex jiġi żgurat li, fl-eventwalità li tinstab ħatja, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija (ara per eżempju,* ***Shorazova v. Malta*** *(fn. 1 Shorazova v. Malta [51853/19], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 3 ta' Marzu, 2022).*

*Kif diġà ngħad, ordni ta' ffriżar tolqot il-proprjetà kollha ta' persuna milquta. Lil hinn mill-kwistjoni li dan huwa każ ieħor fejn ir-rikorrent għoġbu ma jutilizzax mid-dritt mogħti lilu mil-Liġi biex jikkontesta ordni ta' ffriżar meta nħarġet fil-konfront tiegħu, jibqa' l-fatt li l-Liġi tipprovdi rimedju xieraq anke meta, bħal ma ġara f'dan il-każ, l-ordni ta' ffriżar ma tiġix ikkontestata mill-ewwel.*

Ai termini *kemm tal-Kap. 101 kif ukoll tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta (dan tal-aħħar applikabbli* mutatis mutandis *fil-kuntest ta' ordni ta' ffriżar taħt l-Artikolu 23A tal-Kap. 9), persuna milquta minn ordni ta' ffriżar dejjem għandha jedd li titlob lill-qorti tawtorizza l-ħlas ta' kredituri* bona fide *li kkuntrattaw qabel l-ordni jew, għal raġuni tajba, tawtorizza lill-persuna akkużata tittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli. Huwa permezz ta' dawn ir-rimedji, li jagħti poteri wiesgħa ħafna lill-qorti b'kompetenza kriminali li tkun qed tisma' l-każ, li* ***l-bilanċ u l-proporzjonalità*** *jinżamm.*

*Matul dawn l-aħħar snin, ir-rikorrent utilizza minn dawn ir-rimedji f'diversi istanzi: talab li jkun jista' jagħmel pagament lill-bank, iħallas poloz ta' assigurazzjoni, u jipperċepixxi benefiċċji soċjali u l-paga tiegħu minn kontijiet bankarji. Dawn it-talbiet ġew milqugħa. B'referenza speċifika għar-raba' (4) paragrafu fir-rikors promutur, dan huwa l-uniku tentattiv tar-rikorrent li qatt ma rnexxa għas-sempliċi raġuni li meta r-rikorrent għoġbu jippreżenta d-dokumenti rikjesti minnu (kważi tliet xhur tard) ma ppreżentahomx fil-qorti korretta (fil-fatt kif kien ser jagħmel ukoll b'dan ir-rikors kostituzzjonali meta indika li kellu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u mhux il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u għalhekk, ir-rikors baqa' ma ġiex degretat. Madanakollu, dan in-nuqqas min-naħa tar-rikorrent xorta waħda ma jippreġudikahx, u dan peress li xejn ma jżommu milli jagħmel rikors ieħor biex ikun jista' jħallas il-polza ta' assigurazzjoni li qed jirreferi għaliha.*

*Filwaqt li r-rikorrent ripetutament talab li jkun jista' jsiefer – u dawn it-talbiet dejjem ġew milqugħa – qatt ma għamel xi talba speċifika dwar spejjeż li seta' ġarrab b'rabta mal-marda li sfortunatament laqtet lil wild tiegħu. Fl-istess tema, hawn ukoll ir-rikorrent qatt ma għamel xi forma ta' rikors li għandu x'jaqsam ma' dak li qajjem fil-ħames (5) premessa tiegħu. Dwar dan l-aħħar punt, fi kwalunkwe każ, huwa paċifiku li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jipproteġi l-godiment tal-possedimenti u jiggarantixxi prinċipji minimi meta jkun hemm deprivazzjoni*

*tal-possedimenti, dan il-jedd fondamentali iżda ma jiggarantixxix il-jedd li wieħed jakkwista l-proprjetà (ara **Grishchenko v. Ir-Russja** (fn. 2 Grishchenko v. Ir-Russja (75907/01), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 8 ta' Lulju, 2004. Deċiżjoni dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni).*

*Magħdud dan kollu għalhekk, filwaqt li ma hemm ebda dubju li saret interferenza fil-proprjetà tar-rikorrent, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha u r-rimedji provduti mil-Liġi, ir-rekwiżiti kollha tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jinsabu pjenament sodisfatti u għalhekk ma seħħet ebda leżjoni ta' dan l-artikolu.*

5. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk jistħoqq li jiġu miċħuda.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti għandha **tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza, wara li l-avukati difensuri tal-partijiet għamlu t-trattazzjoni tagħhom.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Jirriżulta li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'assoċjazzjoni in konnessjoni ma' diversi reati, uħud minnhom allegatament kommessi fis-sena 2006. Dakinhar li fid-19 ta' Marzu, 2014 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja, inħarġet Ordni ta' Ffriżar fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent jgħid li dan jammonta għal ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jispjega li l-Ordni ta' Ffriżar għadha fis-seħħ, u minkejja li huwa ma nstabx ħati tar-reati li ġie mixli bihom, huwa qiegħed isofri diversi tbatijiet f'ħajtu minħabba

f'din l-Ordni. Jgħid li huwa missier ta' tifel żgħir li għandu problemi ta' saħħa li minħabba fihom ikollu jsiefer lejn l-Ingilterra diversi drabi fis-sena, kif ukoll li għandu diffikultajiet biex iħallas għall-assigurazzjoni ta' vettura li kien akkwista qabel iffaċċja dawn l-akkużi. Ir-rikorrent jgħid ukoll li peress li huwa ma setax jikkommetti ruħhu għal self bankarju sabiex ikun jista' jakkwista proprjetà, huwa kien kostrett jibqa' jgħix fil-kera, kif ukoll tilef l-opportunità li jgawdi minn skemi tal-akkomodazzjoni maħruġa mill-Gvern li japplikaw għal persuni ta' bejn it-tmintax u l-ħamsa u erbgħin sena.

4. Permezz tal-proċeduri istitwiti minnu quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li huwa sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu, kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tiddikjara li huwa sofra leżjoni tad-dritt protett taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tannulla u tirrevoka l-Ordni ta' Ffriżar maħruġa fil-konfront tiegħu, tillikwida d-danni sofferti minnu, u tordna l-ħlas tad-danni hekk likwidati.

5. Min-naħa tagħhom l-intimati wieġbu li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. In linea preliminari qalu li r-rikorrent naqas milli jagħmel talba lill-Qorti Kriminali sabiex tirrevoka l-Ordni ta' Friżar u tul is-snin li ilha fis-seħħ din l-Ordni, ir-rikorrent għamel diversi talbiet sabiex ikun jista' jeffettwa pagamenti u jirtira flejjes mill-kontijiet bankarji tiegħu, liema talbiet ġew milqugħha. L-intimati qalu li l-Avukat Ġenerali mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri, u għalhekk din għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalu wkoll li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li ma użax, stante li dan baqa' passiv wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Ffriżar fil-konfront

tiegħu. L-intimati eċċepew ukoll li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Ordni ta' Ffriżar ġiet imposta fuq ir-rikorrent bħala miżura kawtelatorja. L-intimati eċċepew ukoll li m'hemm l-ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-interferenza tal-Istat hija permissibbli jekk issir taħt qafas legali, jew għal għan leġittimu, jew jekk ikun hemm bilanċ ġust u proporzjonat fl-impożizzjoni tagħha. L-intimati eċċepew ukoll li l-Ordni ta' Ffriżar hija miżura kawtelatorja li ġiet imposta sabiex jiġi assigurat li r-rikavat tar-reat/i ma jkunx jista' jinħeba jew jitberbaq jew ma jkunx jista' jiġi rintraċċat, u fl-eventwalità ta' ħtija, is-sentenza tkun tista' tiġi infurzata. Qalu wkoll li ladarba r-rikorrent kien permess li jħallas kredituri li kienu kkuntrattaw miegħu qabel inħarġet l-Ordni ta' Frriżar, il-bilanċ u l-proporzjon li titlob il-liġi ġie milħuq.

**Provi u Riżultanzi**

6. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2023, xehdet **Marica Mifsud**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunal Kriminali[1], li ppreżentat diversi dokumenti mill-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Brian Fenech'.[2] Ġiet ippreżentata wkoll kopja diġitali tal-volumi li jiffurmaw il-proċess tal-atti kriminali.[3]

7. Mill-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Brian Fenech et', jirriżulta li r-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-20 ta' Marzu, 2014[4], fejn kien mixli li fit-3 ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li

---

[1] *A fol.* 19 tal-proċess.
[2] *A fol.* 21 *et seq* tal-proċess.
[3] *A fol.* 28 tal-proċess.
[4] *A fol.* 1 ta' Vol.1 tal-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Brian Fenech et'.

jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ir-rikorrent assoċja ruħhu ma' persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina ċjoé ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom din ir-raża bħala bażi, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; kif ukoll kien akkużat li huwa reċidiv wara sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Mejju, 2003 u fit-28 ta' Marzu, 2006. Fil-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2014, ġie spjegat li minkejja li r-reat li r-rikorrent kien qiegħed jiġi mixli bih seħħ żmien qabel, kien biss fl-2014 li l-Pulizija kellha biżżejjed provi fil-konfront tal-akkużati, u kien hemm żviluppi ġodda fl-investigazzjoni li saret fil-konfront tar-rikorrent.

7. Mill-atti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jirriżulta li kienu diversi x-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom waqt il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent –

- Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2014, xehed **l-Ispettur Pierre Grech**[5], li ta dettalji dwar l-informazzjoni li kellha l-Pulizija u dwar l-investigazzjoni li saret. Mill-inkartament esebit diġitalment, jirriżulta li fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, hemm esebiti ritratti u dettalji in konnessjoni mat-tfittxija li saret f'fond ġewwa Marsaxlokk, u tar-riżultati forensiċi u dokumenti oħra li kienu jiffurmaw parti mill-investigazzjoni tal-Pulizija;
- Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2014, xehdet **is-Surġent Maġġur Jennifer Saliba**, li qalet li fl-4 ta' Mejju, 2006 hija kienet qiegħda teskorta

[5] *A fol.* 29 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

persuna meta saret tfittxija f'fond ġewwa Marsaxlokk, fejn instab pakkett bid-droga ġo *cooker*[6];

- Waqt l-istess udjenza xehdu s-**Surġent Antoine Micallef, PC 1213 Carlos Axisa, PS 1261 Charles Pace**, u **PS 659 Jeffrey Hughes**;
- Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2014 xehed il-**PC 733 Joseph Galea**[7];
- Waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2014 xehdet **WPC 86 Diane Fenech**[8], dwar it-tfittxija li kienet saret fit-3 ta' Mejju, 2006;
- Waqt l-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2014, xehed l-**Ispettur Pierre Grech**[9], li esebixxa diversi sentenzi;
- Waqt l-udjenza tal-21 ta' April, 2015[10], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ordnat li tiġi esebita d-droga ġia esebita fil-kawża 'Pulizija *vs.* Joseph Zerafa', liema kawża kienet qiegħda tistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell;
- Għalkemm jirriżulta li huwa minnu li l-proċeduri kontra r-rikorrent instemgħu quddiem diversi maġistrati, fl-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2015, l-avukati difensuri tar-rikorrent kienu eżentaw lill-Qorti kif preseduta minn maġistrat ġdid, milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu nstemgħu diġà mill-Qorti kif diversament preseduta[11];
- Waqt l-udjenza tas-16 ta' Settembru, 2015[12], il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li għal dik is-seduta kien ġie mħarrek l-ex-Assistent Kummisarju Norbert Ciappara, imma dan ma deherx sabiex jixhed. Il-Qorti talbet lill-Prosekuzzjoni sabiex sas-seduta ta' wara tinfurmaha jekk għandhiex membri oħra tal-Korp tal-

---

[6] *A fol.* 276 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[7] *A fol.* 300 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[8] *A fol.* 308 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[9] *A fol.* 324 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[10] *A fol.* 380 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[11] *A fol.* 411 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[12] *A fol.* 423 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

Pulizija oħra li setgħu kienu involuti fl-investigazzjoni tal-każ, u li setgħu jixhdu.

- Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2015[13], l-Ispettur Herman Mula informa lill-Qorti li ma kien hemm l-ebda uffiċjali oħra tal-Pulizija li setgħu kienu involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ, u infurmaha wkoll li kien ser jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali dwar il-ħtieġa li l-ex-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara jixhed f'dawn il-proċeduri;
- Waqt l-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2015[14], ma xehed ħadd għaliex l-ex-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara baqa' ma deherx;
- Waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar, 2016[15], ma tressqu l-ebda xhieda, u għal darb'oħra l-Qorti ssolleċitat lill-Prosekuzzjoni sabiex għas-seduta ta' wara jiġi mħarrek lill-ex-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara ħalli jkun jista' jixhed dwar il-fatti tal-każ;
- Waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2016[16], xehed **André Azzopardi**;
- Mir-rinviji tal-Avukat Ġenerali li bdew jintbagħtu bejn seduta u oħra, ad istanza dak tad-29 ta' Frar, 2016[17], jirriżulta li kien hemm insistenza għax-xhieda tal-ex-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara, kif ukoll sabiex fl-istadju opportun jixhdu Joseph Zerafa u Malcolm Falzon. Dak iż-żmien l-ebda xhieda oħra ma kienu indikati min-naħa tal-Avukat Ġenerali;
- Waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2016[18] xehed **Norbert Ciappara**. Il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li għal dik is-seduta ma kellhiex aktar xhieda mħarrkin;

[13] *A fol.* 431 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[14] *A fol.* 442 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[15] *A fol.* 450 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[16] *A fol.* 454 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[17] *A fol.* 468 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[18] *A fol.* 472 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

- Fin-nota ta' rinviju tal-11 t'April, 2016, l-Avukat Ġenerali talab sabiex fl-istadju opportun il-Qorti tisma' lil Joseph Zerafa u lil Malcolm Falzon.[19]
- Waqt l-udjenza tal-20 ta' April, 2016 ma nstemgħu l-ebda xhieda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;
- Waqt l-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2016, xehed **Joseph Zerafa**.[20] L-istess **Joseph Zerafa** kompla jixhed waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2016.[21] Waqt l-istess udjenza, xehed ukoll **Dr John Seychell Navarro**.[22]
- Waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2016, ma nstemgħu l-ebda xhieda, hekk kif **Malcolm Falzon** iddikjara li kien qiegħed jagħżel li ma jixhidx.[23] Minkejja dan, fin-nota ta' rinviju tas-7 ta' Novembru, 2016, l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex fl-istadju opportun tisma' x-xhieda tal-istess Falzon;
- Waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016, **Malcolm Falzon** għal darb'oħra ddikjara li kien qiegħed jagħżel li ma jixhidx[24];
- Fin-nota ta' rinviju tad-9 ta' Marzu, 2017[25], l-Avukat Ġenerali indika lill-Qorti li din għandha tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Pulizija jidhrilha xierqa f'dan il-każ, mingħajr ebda indikazzjoni ta' min huma x-xhieda li għad iridu jixhdu, jew ta' xi provi oħra li għad iridu jitressqu;
- Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017[26], il-Prosekuzzjoni indikat li ma kellha l-ebda xhieda mħarrkin, għalkemm qalet li xtaqet tikkonsulta mal-Avukat Ġenerali dwar il-possibilità li jitressqu aktar provi;

[19] *A fol.* 479 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[20] *A fol.* 487 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[21] *A fol.* 509 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[22] *A fol.* 556 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[23] *A fol.* 553 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[24] *A fol.* 595 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[25] *A fol.* 608 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[26] *A fol.* 609 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

- Waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2017[27], għal darb'oħra l-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda xhieda mħarrkin sabiex jixhdu quddiem il-Qorti Istruttorja. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Lulju, 2017[28], il-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda xhieda mħarrkin sabiex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom, iżda f'dik is-seduta l-Qorti stiednet lill-Avukat Ġenerali sabiex jieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq fil-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, u sabiex l-istess Avukat Ġenerali jara x'għandu jagħmel sabiex il-kawża ma tkomplix titwal inutilment;
- Fit-28 t'Awwissu, 2017[29], l-Avukat Ġenerali ippreżenta rikors fejn spjega li t-terminu għall-preżentata tal-Att ta' Akkuża fil-konfront ta' Brian Fenech u ta' Eligio Zerafa għalaq fl-istess ġurnata, iżda l-Avukat Ġenerali kellu bżonn aktar żmien sabiex jiddeċiedi jekk għandux iġib 'il quddiem l-imsemmi Att ta' Akkuża, u għalhekk talab lill-Qorti estensjoni tal-imsemmi terminu għal ħmistax-il jum ieħor;
- Permezz tan-nota ta' rinviju ppreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2017[30], l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja tassigura li r-rapport tal-Espert PS 659 Jeffrey Hughes, li jirrigwarda s-sejba ta' droga fil-fond 10, Sacra Familia, Triq Dun Salvu Gatt, Marsaxlokk, jiġi esebit in atti;
- Waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2017[31], il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhieda, għalkemm infurmat lill-Qorti li kienet ser tikkonsulta mal-Avukat Ġenerali dwar ir-rekwiżit imsemmi fl-aħħar nota ta' rinviju tiegħu;

[27] *A fol.* 615 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[28] *A fol.* 653 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[29] *A fol.* 657 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[30] *A fol.* 661 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[31] *A fol.* 665 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

- Permezz tan-nota ta' rinviju tat-28 ta' Diċembru, 2017[32], l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tassigura li r-rapporti tal-Esperti PS 659 Jeffrey Hughes, PS 602 Jonathan Attard, PS46 Charlot Casha u PS 171 Karl Glanville, ilkoll in konnessjoni mas-sejba ta' droga fil-fond 10, Sacra Familia, Triq Dun Salvu Gatt, Marsaxlokk, jiġu esebiti;
- Waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2018, ma kien hemm l-ebda xhieda mħarrka mill-Prosekuzzjoni sabiex jiddeponu quddiem il-Qorti Istruttorja.[33]
- L-istess ġara waqt l-udjenzi tal-20 ta' Marzu, 2018[34], tal-24 ta' April, 2018[35], tal-5 ta' Ġunju, 2018[36], u tas-17 ta' Lulju, 2018;
- Waqt l-udjenzi tat-2 ta' Ottubru, 2018[37], tas-6 ta' Novembru, 2018[38], tad-29 ta' Jannar, 2019[39], tal-5 ta' Marzu, 2019[40], tad-9 ta' April, 2019[41], tal-21 ta' Mejju, 2019[42], tat-2 ta' Lulju, 2019[43], tas-17 ta' Settembru, 2019[44], tat-3 ta' Diċembru, 2019[45], tas-7 ta' Jannar, 2020[46], u tas-6 ta' Ottubru, 2020[47], l-Ispettur Kevin Pulis iddikjara li m'għandux xhieda oħra x'iressaq f'dawn il-proċeduri[48];
- Fil-frattemp ir-rikorrent għamel diversi rikorsi, li ntlaqgħu kollha, għaliex kellu bżonn isiefer barra minn Malta sabiex jakkumpanja qraba tiegħu fl-Ingilterra li kienu qegħdin jiffaċċjaw problemi ta' saħħa;

---

[32] *A fol.* 615 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[33] *A fol.* 683 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[34] *A fol.* 691 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[35] *A fol.* 698 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[36] *A fol.* 701 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[37] *A fol.* 714 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[38] *A fol.* 720 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[39] *A fol.* 734 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[40] *A fol.* 737 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[41] *A fol.* 746 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[42] *A fol.* 752 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[43] *A fol.* 762 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[44] *A fol.* 780 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[45] *A fol.* 812 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[46] *A fol.* 821 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[47] *A fol.* 886 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[48] *A fol.* 708 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

- Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2021[49] kellu jixhed Eligio Zerafa, iżda dan ma kienx debitament notifikat, u fis-seduta tas-26 ta' April, 2022, minkejja li l-Prosekuzzjoni indikat li kellha rappreżentant ta' Transport Malta mħarrek biex jixhed fl-istess seduta, imsejjaħ tliet darbiet ma deherx[50];
- Permezz tan-nota ta' rinviju tat-8 ta' Lulju, 2021[51], l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, sabiex fl-istadju opportun tisma' x-xhieda ta' Malcolm Falzon, ħalli dan jixhed dwar il-fatti magħrufa minnu; sabiex fl-istadju opportun tisma' x-xhieda ta' Charles Joseph Francis Camilleri u ta' Ċensina Zerafa; sabiex tisma' lid-Deputat Reġistratur Benjamina Mifsud li għandha tikkonferma li l-kopja tal-*proces-verbal* numru 92/2010 dwar dikjarazzjoni ġuramentata ta' Joseph Zerafa, li hija nserita fl-atti proċesswali, hija verament kopja tal-oriġinali; u sabiex tippreżenta vera kopja bil-kulur tar-ritratti inseriti fl-istess *proces-verbal;* sabiex ir-Reġistratur jesebixxi *casette* li kien ġie ppreżentat mis-Suprintendent Norbert Ciappara quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Doreen Clarke fl-atti tar-rikors ta' Joseph Zerafa bil-*proces-verbal* numru 92/2010; sabiex jinħatar espert tal-IT li għandu jagħmel kopja tal-imsemmi *audio cassette* fuq mezz diġitali; sabiex tisma' rappreżentant ta' Transport Malta jixhed dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PAB 746 u jagħti dettalji oħra dwar ir-reġistrazzjoni ta' din il-vettura tul is-snin, kif ukoll sabiex jixhed dwar il-vetturi li kienu rreġistrati f'isem Brian Fenech (u anki Eligio Zerafa) fl-aħħar snin; tisma' lir-Reġistratur sabiex jiddikjara jekk kienx hemm appell mis-sentenzi inseriti fl-atti proċesswali, u jekk ġewx imħallsa l-multi imposti permezz ta' dawn is-sentenzi; kif ukoll sabiex tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra fil-proċess. Fl-udjenza

[49] *A fol.* 977 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[50] *A fol.* 1024 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[51] *A fol.* 958 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

tat-13 ta' Lulju, 2021 ma sar xejn[52], filwaqt li s-seduta tal-24 t'Awwissu, 2021 ġiet differita.[53] Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021 reġa' ma sar xejn[54]; bħal ma sar xejn fl-udjenzi tas-16 ta' Novembru, 2021[55]; tat-8 ta' Frar, 2022[56]; tal-15 ta' Marzu, 2022[57]; tas-26 ta' April, 2022, minkejja li l-Prosekuzzjoni indikat li għal din is-seduta kellha rappreżentant ta' Transport Malta imħarrek biex jixhed[58], bħal ma sar xejn fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju, 2022[59], u fl-udjenza tat-28 ta' Diċembru, 2022.[60] Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2023, dehret **Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali, li ppreżentat żewġ dokumenti fuq talba tal-Avukat Ġenerali.[61] Fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2023[62], minkejja li ma ġie rreġistrat l-ebda progress għal darb'oħra, ġie kkonstatat li l-Prosekuzzjoni kellha tagħmel verifiki dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali għas-smigħ tad-Deputat Reġistratur Benjamina Mifsud li kellha tikkonferma jekk il-kopji tal-*proces verbal* esebiti humiex veri kopji tal-oriġinal, kif ukoll dwar is-smigħ ta' persuni indikati fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali;

- Waqt l-udjenza tal-24 ta' Lulju, 2023[63], xehed **Dr Christopher Spiteri**, li ppreżenta diversi dokumenti, filwaqt li l-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li minkejja li għall-istess seduta kien imħarrek ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, din bagħtet tinforma lill-Qorti li d-dokumenti mitluba kienu għadhom mhumiex għad-disposizzjoni tagħha. Il-Prosekuzzjoni

[52] *A fol.* 961 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[53] *A fol.* 964 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[54] *A fol.* 977 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[55] *A fol.* 981 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[56] *A fol.* 1014 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[57] *A fol.* 1019 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[58] *A fol.* 1024 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[59] *A fol.* 1035 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[60] *A fol.* 1080 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[61] *A fol.* 1134 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[62] *A fol.* 1148 tal-atti tal-proċeduri kriminali.
[63] *A fol.* 1152 tal-atti tal-proċeduri kriminali.

infurmat lill-Qorti wkoll li għadu mhux l-istadju opportun sabiex jixhdu l-persuni l-oħra indikati mill-Avukat Ġenerali.

8. Waqt l-istess udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2023, xehed **Brian Fenech** innifsu[64], li qal li fid-19 ta' Marzu, 2014 kien ċempillu l-Ispettur Pierre Grech, li qallu li xtaq ikellmu, u sussegwentement huwa tressaq il-Qorti b'urġenza. Qal li minn dak iż-żmien inbidlu numru ta' maġistrati u madwar tmien spetturi, u daqs ħames snin qabel l-Ispettur Mula kien infurmah li ma kienx hemm aktar xhieda tal-Prosekuzzjoni x'jitressqu. Żied jgħid li minkejja dan, il-provi tal-Prosekuzzjoni għadhom ma ngħalqux. Qal ukoll li fil-preżent huwa milqut minn ordni ta' ffriżar, u qal li fost id-diffikultajiet li kellu kien hemm dawk fir-rigward tal-ħlas tal-assigurazzjoni għal vettura li kien għadu kif xtara. Ir-rikorrent qal li peress li l-assigurazzjoni fuq il-vettura ma ġietx mħallsa, u ġrat ħsara fuq il-vettura, sussegwentement kellha anki tgħinu ommu biex jagħmel il-ħlas dovut. Qal li huwa għandu tifel li għandu marda rari f'għajnejh, u għalhekk ikollu jsiefer bih lejn ir-Renju Unit, fejn irid iħallas il-kera, it-titjiriet tal-ajru u affarijiet oħra. Ir-rikorrent qal li l-kundizzjoni ta' ibnu tfisser li hu u s-sieħba tiegħu jridu jsiefru bih kull sitt ġimgħat.

9. Permezz ta' nota tas-6 ta' Novembru, 2023, ir-rikorrent ippreżenta dokumenti li juru li huwa kien qiegħed jagħmel ħlasijiet għall-vettura tiegħu, u dokument li juri kemm għandu flus il-bank, kif ukoll ittra mill-bank li turi li l-kontijiet tiegħu ġew imblukkati.[65] Esebixxa wkoll dokument maħruġ mill-Awtorità tad-Djar[66] sabiex juri li kien hemm żmien meta kien eliġibbli għal skema li issa ma jistax japplika minħabba l-età, billi biex wieħed jibbenefika minn din l-iskema, irid ikollu l-età bejn 18 u 45 sena.

[64] *A fol.* 29 tal-proċess.
[65] *A fol.* 36 *et seq.* tal-proċess
[66] *A fol.* 35 tal-proċess.

10. Permezz ta' nota tas-17 ta' Novembru, 2023, l-intimati ppreżentaw diversi dokumenti mill-proċess kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija *vs.* Brian Fenech', fosthom il-verbal tal-20 ta' Marzu, 2014; kopja ta' rikors ta' Brian Fenech tal-10 ta' Ġunju, 2014 u l-atti sussegwenti; kopja ta' rikors ta' Brian Fenech tat-2 ta' Frar, 2016, u l-atti sussegwenti; kopja ta' rikors ta' Brian Fenech tal-15 ta' Lulju, 2016 u l-atti sussegwenti; kopja ta' rikors ta' Brian Fenech tal-25 ta' Mejju, 2021 u l-atti sussegwenti; kopja tad-dokumenti ppreżentati minn Brian Fenech fl-24 t'Awwissu, 2021; u kopja tar-rikors ta' Brian Fenech tal-4 ta' Ottubru, 2021 u l-atti sussegwenti, bħala prova tad-diversi talbiet li għamel ir-rikorrent sabiex ikun jista' jsiefer u jagħmel diversi ħlasijiet, u li kienu intlaqgħu.[67]

11. Waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023, sar il-kontro-eżami tar-rikorrent[68], fejn dan qal li dakinhar li huwa tressaq l-ewwel darba b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ħarġet l-Ordni ta' Ffriżar fil-konfront tiegħu, huwa ma ġiex mgħarraf li kellu d-dritt jikkontesta tali ordni. Qal ukoll li waqt li qiegħed jiffaċċja dawn l-akkużi, kien hemm perijodi meta huwa ma kellux impjieg. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li minkejja li huwa spiss ikollu jsiefer minħabba l-kura ta' ibnu, huwa qatt ma talab lill-Qorti tawtorizzah jonfoq spejjeż addizzjonali minħabba f'hekk.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

12. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati, u senjatament l-eċċezzjoni preliminari li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. L-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

---

[67] *A fol.* 42 *et seq.*tal-proċess.
[68] *A fol.* 102 tal-proċess.

> 181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
> …
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

13. Ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti (i) tiddikjara li l-aġir tal-intimati jew min minnhom jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; (ii) tiddikjara li l-impożizzjoni tal-Ordni ta' Ffriżar hija leżiva tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bl-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; (iii) sabiex din il-Qorti tannulla l-Ordni ta' Ffriżar imsemmija; (iv) sabiex din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu; (v) sabiex din il-Qorti tordna lill-intimati jħallsuh kumpens għad-danni sofferti minnu. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li filwaqt li l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern fejn tkun qiegħda tiġi attakkata xi liġi, l-Avukat Ġenerali huwa l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali li qiegħed jaffaċċja r-rikorrent. L-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent talab li tinħareġ l-Ordni ta' Ffriżar fil-konfront tar-rikorrent. Id-deċiżjoni li qiegħda tintalab tagħti l-Qorti f'dawn il-proċeduri, mhijiex maħsuba biss biex tolqot xi liġi li qiegħda fis-seħħ, iżda tista' taffettwa l-proċeduri kriminali li qegħdin jitmexxew mill-Avukat Ġenerali bħala Uffiċjal Prosekutur fil-konfront tar-rikorrent, in vista tal-ilment li kien hemm dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih, minħabba li f'għadd kbir ta' seduti li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ma sar xejn jew ma tressqu l-ebda xhieda, u dan id-dewmien wassal għal leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali lamentati mir-rikorrent. Għaldaqstant, bħala parti li tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni li sejra tingħata mill-Qorti f'dawn il-

proċeduri, l-Avukat Ġenerali għandha tkun parti f'din il-kawża, u għandha tingħata l-opportunità li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet tar-rikorrent, kif ukoll il-provi in sostenn tagħhom. Għaldaqstant tqis li din l-eċċezzjoni preliminari mhijiex mistħoqqa, u sejra tiġi miċħuda.

14. Fl-ewwel ilment tiegħu r-rikorrent jgħid li huwa qiegħed isofri minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif riprodott fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta [hawnhekk 'il-Konvenzjoni'], u dan minħabba l-mod kif l-Ordni ta' Ffriżar qiegħda tolqot l-assi tiegħu, inklużi flus fil-banek u kull forma ta' introjtu li huwa jkollu minn impjieg. Jgħid li bl-impożizzjoni tal-Ordni ta' Ffriżar, huwa qiegħed ibati anki għaliex ma jistax iħallas għall-assigurazzjoni tal-vettura tiegħu, u ma setax jixtri proprjetà, iżda kien kostrett li jibqa' jgħix fil-kera. Dan fl-istess waqt li kif ġie ppruvat, ir-rikorrent kellu jiffaċċja diversi sfidi minħabba mard serju li laqat lit-tifel tiegħu, u b'hekk huwa kellu bżonn isiefer diversi drabi sabiex jakkumpanjah waqt li kien qiegħed jirċievi kura barra l-pajjiż. Ir-rikorrent jimputa din it-tbatija li huwa sofra tul is-snin għall-fatt li l-Ordni ta' Ffriżar ġiet imposta fuqu dakinhar li huwa tressaq quddiem il-Qorti fl-2014, u għall-fatt li din l-Ordni għadha fis-seħħ, fl-istess waqt li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront tiegħu, għadhom ma ġewx magħluqa. Din il-Qorti tfakkar li kull persuna mixlija quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa' preżunta innoċenti sakemm tinstab ħatja, u d-dewmien sabiex jiġu konklużi proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuna, iġib miegħu ħafna riperkussjonijiet fuq il-ħajja tal-persuna in kwistjoni, fosthom l-ansjetà u l-istat ta' inċertezza li l-persuna tkun għaddejja minnu, u l-prolungament tal-effetti negattivi li jġibu magħhom il-miżuri kawtelatorji imposti mill-Qorti.

15. Fil-każ odjern, l-Ordni ta' Ffriżar saret taħt l-artikoli 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u taħt l-artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 22A tal-Kap. 101 jgħid illi:

> "22A (1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 22, b'bejgħ jew bi traffikar ta' mediċina jew bi promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjazzjoni taħt is-subartikolu 1(f) ta' dak l-artikolu jew bir-reat fis-subartikolu 1Ċ tal-istess artikolu, jew bir-reat ta' pussess ta' xi mediċinali, kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –
>
> (a) Li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u
> (b) Li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:
>
> Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għajxien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena:
>
> Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –
>
> (a) Tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lill-kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
> (b) Għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.
>
> (3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni hekk kif mibdul."

16. L-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni inħarġet fl-20 ta' Marzu, 2014, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Caruana *vs.* Avukat tal-Istat et**[69], fejn din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet is-segwenti

[69] P.A. (S.K.) 03.03.2023.

osservazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrent li l-Ordni ta' Ffriżar kienet leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu:

*"41. ... tlieta huma l-elementi illi din il-Qorti għandha tindaga jekk jissussistux jew le, sabiex ma tirriżultax leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċioe:*

*(a) Il-miżura trid tkun saret taħt qafas legali;*
*(b) L-iskop tagħha jrid ikun leġittimu;*
*(c) Irid jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Jidher illi mhux qed jiġi kontestat illi l-miżura fit-termini tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta* ***saru taħt qafas legali*** *u* ***għal għan leġittimu****. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jiddikjara, "Jibda biex jingħad illi r-rikorrent huwa konxju li l-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali u li l-iskop tal-miżura jista' jservi għan leġittimu." Dan huwa preċiżament dak illi ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Apostolovi v. Bulgaria*** *(App. Nru. 32644/09, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Ħames Sezzjoni), 7 ta' Frar, 2020 § 20), u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Iffriżar hija, "meant to ensure that the assets at issue would remain available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine; it thus pursued a legitimate aim in the general interest." Hekk ukoll f'****Dzinic v. Croatia*** *(App. Nru. 38359/13, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Tieni Sezzjoni), 17 t'Awwissu, 2016, §65-66) u ċioe illi Ordni ta' Qbid u Iffriżar hija, "the application of provisional measures in the context of judicial proceedings, aimed at anticipating a possible confiscation of property, was in the "general interest" of the community. […] The Court therefore accepts that the interference at issue pursued a legitimate aim.*

*...*

*46. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Apostolovi v. Bulgaria*** *suċitata, il-Qorti Ewropea irriteniet:*

> *"95. The main issue is whether there was a reasonable relationship of proportionality between that aim and the means employed to attain it.*
>
> *96. The freezing of assets in the context of criminal proceedings with a view to making them available to satisfy a possible confiscation, forfeiture or fine is not at such open to criticism (see Dzinic, § 68, and Uzan and Others, § 204, both cited above). But since it carries with it a risk of unduly fettering the ability of the people holding rights in those assets freely to dispose of them, it must be attended by enough procedural safeguards to ensure that the measure is not arbitrary or disproportionate (ibid, as well as Piras, cited above, § 55). The*

*available procedures as a whole must afford those affected by the freezing a reasonable opportunity of putting their case to the competent authorities with a view to enabling them to strike a fair balance between the competing interests at stake (see Piras, § 55, and Uzan and Others, § 214, both cited above).*

*97. It must, then, be ascertained whether the relevant procedures, seen as a whole, met this requirement."*

17. Fis-sentenza appena ċċitata, ir-rikorrent semma diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-miżura kawtelatorja meħuda, ma żammitx bilanċ ġust u proporzjonat, u fost l-oħrajn semma kif l-ammont ta' €13,976.25 li huwa seta' jipperċepixxi annwalment, huwa baxx wisq, u li dan l-ammont tul is-snin baqa' ma ġiex aġġornat sabiex ikun jirrifletti l-għoli tal-ħajja u ż-żidiet fir-rata tal-inflazzjoni. Iżda l-Qorti f'dik il-kawża ddeċidiet li l-Ordni ta' Ffriżar xorta waħda tipprovdi għal diversi salvagwardji proċedurali li permezz tagħhom il-persuna milquta tista' ttaffi jew tinnewtralizza xi ftit mill-inkonvenjent li ordni bħal dik iġġib magħha.

18. L-Ordni ta' Ffriżar fil-konfront tar-rikorrent, inħarġet taħt l-artikolu 23A tal-Kap. 9, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi għall- (i) possibilità li l-akkużat jipperċepixxi ammont massimu ta' €13,976.24 fis-sena, kif regolat bl-artikolu 5(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta qabel dan ġie emendat; (ii) possibilità li l-Qorti tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużati lil kredituri *bona fide* li jkunu saru qabel tkun ħarġet l-Ordni ta' Ffriżar; (iii) possibilità li l-akkużat jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli minkejja li din tkun milquta minn Ordni ta' Friżar; (iv) possibilità li l-akkużat jitlob lill-Qorti tibdel l-Ordni f'ċirkostanzi partikolari; u (v) possibilità li l-akkużat jitlob għar-revoka tal-Ordni fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta saret l-Ordni. Il-Qrati tagħna konsistentement iddeċidew li dawn il-miżuri huma maħsuba biex joħolqu l-element ta' proporzjonalità, li fil-każ odjern ir-rikorrent jgħid li huwa nieqes.

19. L-argument ewlieni tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri huwa li fil-prattika, huwa qiegħed isofri ċerti diffikultajiet minħabba fl-impożizzjoni ta' din l-Ordni fuqu. Jispjega kif huwa għandu diversi spejjeż li jmorru lil hinn minn spejjeż li jkollha tagħmel familja hekk meqjusa 'normali' fil-ħajja tagħha ta' kuljum, hekk kif ibnu li għadu żgħir ħafna fl-età, għandu problemi ta' saħħa li minħabba fihom ikollu jirrikorri għall-kura medika barra minn Malta. Ir-rikorrent jgħid ukoll li minħabba fl-impożizzjoni ta' din l-Ordni fuq ġidu, huwa kien kostrett li jibqa' jgħix fil-kera minflok xtara proprjetà tiegħu. Jgħid ukoll li lanqas ma jista' jgawdi kif jixtieq vettura li kien xtara qabel ġie akkużat, għaliex għandu diffikultajiet biex iħallas l-assigurazzjoni tagħha.

20. Il-Qorti tirrileva li fl-aħħar ġimgħat , proprju fid-9 ta' Frar, 2024, daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, maħsub biex jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità. Fost l-artikoli tal-liġi li ġew emendati hemm l-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie sostitwit bl-artikolu 5 li jgħid hekk:

> "Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-prosekuzzjoni tista' titlob lill-Qorti tal-Maġistrati għal ordni ta' ffriżar u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw."

21. L-artikolu 36 tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat permezz tal-Att XI tal-2024, sabiex is-sub-inċiż (5)(a) tiegħu, issa ġie jaqra:

> "Il-Qorti tista' tvarja Ordni ta' Qbid u Ffriżar permezz ta' rikors mill-persuna imputata jew akkużata. L-imsemmi rikors għandu jkun notifikat lill-prosekuzzjoni u lid-Direttur. Fuq dak ir-rikors, il-Qorti għandha tiddetermina xi flus jistgħu jitħallsu jew jiġu riċevuti mill-persuna imputata jew akkużata matul il-validità ta' dak l-Ordni, sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti f'ammont annwali li ma jkunx aktar mill-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta u kull ammont ieħor illi l-Qorti tikkunsidra li jkun ġustifikat sabiex jitħallsu l-ispejjeż neċessarji."

22. Għaldaqstant jidher li l-leġislatur illum qiegħed jirrikonoxxi li l-ammont stabbilit f'liġi li daħlet fis-seħħ sebgħa u għoxrin sena ilu, jista' ma jkunx suffiċjenti biex jippermetti għajxien diċenti fil-ħajja tallum, u għalhekk introduċa din l-emenda fil-liġi sabiex persuni fil-pożizzjoni tar-rikorrent, ikunu jistgħu jitolbu varjazzjoni tal-ammont konċess lilhom biex ikunu jistgħu jgħixu huma u l-familja tagħhom. L-ammont ta' €13,976.24 kien maħsub biex jiggarantixxi ammont minimu għall-għajxien fiż-żmien meta tfasslet il-liġi, u mingħajr ebda dubju, is-saħħa tal-flus meta ġiet ippromulgata l-liġi mhijiex l-istess bħal dik tallum. Ċertament li persuna setgħet tagħmel ferm aktar b'dan l-ammont ta' flus sebgħa u għoxrin sena ilu, milli tista' tagħmel bih illum. Ir-rimedju tal-ordni ta' varjazzjoni li ddaħħal fil-liġi, xorta waħda seta' ma kienx suffiċjenti biex jindirizza l-lanjanza u t-tħassib tar-rikorrent, u dan għaliex biex isir rikors bħal dan, l-imputat ried jiġġustifika t-talba tiegħu billi jispjega għalfejn l-Ordni ta' Ffriżar għandha tiġi modifikata. Hawnhekk il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qalu l-intimati, li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedju ordinarju tat-talba għal varjazzjoni, u naqas milli jagħmel użu minn dan ir-rimedju, għaliex dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent huwa l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu dwar il-ħarsien tal-proprjetà, partikolarment għaliex huwa ma setax jakkwista proprjetà tiegħu, iżda kien kostrett jibqa' jgħix fil-kera. Ma kien hemm l-ebda rimedju ordinarju li r-rikorrent seta' jagħmel użu minnu sabiex jilqa' għal dan il-ksur lamentat. L-ammont minimu li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha u tal-familja tagħha, għandu jkun ammont suffiċjenti biex jaqdi l-bżonnijiet ta' dik il-persuna u l-familja tiegħu, u mhux ammont li jista' jiġi varjat skont l-esiġenzi li jinqalgħu lil dik il-familja, u wara li ssir talba appożita lill-Qorti għal dan l-iskop. Din il-possibilità ta' varjazzjoni fl-Ordni ta' Ffriżar tiddependi għas-suċċess tagħha, miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mill-esiġenzi li jinqalgħu lil min jagħmel it-talba, u dan meta

bl-introduzzjoni ta' dawn l-emendi leġislattivi l-leġislatur stess irrikonoxxa li l-ammont minimu annwali stabbilit fl-1997 mhuwiex suffiċjenti għall-ħtiġijiet ta' familja llum il-ġurnata.

23. Ir-rikorrent jilmenta li l-mod kif tħaddmet l-Ordni ta' Ffriżar u t-tul ta' żmien li ilha fis-seħħ din l-Ordni, lilu lledewlu l-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, li jgħid:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

24. Il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni li l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni saret taħt qafas legali u għal għan leġittimu. Bħala regola ġenerali, il-Qrati tagħna jqisu tliet elementi sabiex jevalwaw jekk miżura kawtelatorja bħal din, hijiex leżiva tal-isemmi artikolu tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jiġifieri: (i) li l-miżura tkun saret taħt qafas legali; (ii) li l-iskop tagħha jkun wieħed leġittimu; (iii) li jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, iċ-ċirkostanzi li fihom ġiet imposta din l-Ordni, it-tul ta' żmien li matulu din l-Ordni baqgħet fis-seħħ, u l-ammont annwali li r-rikorrent kien permess iżomm għalih u għall-familja tiegħu ladarba daħlet fis-seħħ din l-Ordni, jimpinġu fuq l-element tal-proporzjonalità li l-Qrati tagħna tant jisħqu fuqha fl-interpretazzjoni tagħhom ta' dan il-jedd fundamentali. Il-fatt li l-Ordni ta' Ffriżar hija maħsuba bħala miżura kawtelatorja temporanja, imma fil-każ odjern ipperdurat u ilha fis-seħħ għal aktar minn għaxar snin

minħabba dewmien fil-proċeduri li bosta drabi ma kienx ġustifikat, ifisser li matul dawn l-aħħar snin, ir-rikorrent kellu jsib mezz kif jgħaddi b'ammont ta' flus li huwa inqas minn dak li familja teħtieġ għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum. Ir-rimedju tal-varjazzjoni, minkejja li jista' jitqies bħala salvagwardja proċedurali għal persuni fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti, xorta waħda mhux rimedju adegwat, għaliex l-ammont minimu li persuna għandha titħalla żżomm għall-għajxien tagħha għandu jkun ammont ta' flus li jippermetti ħajja deċenti u dinjituża, u mhux ammont ta' flus li baqa' ma ġiex aġġornat skont iż-żieda fl-inflazzjoni għal madwar 27 sena, u ma' kull intopp jew spiża mhux mistennija, il-persuna milquta trid tirrikori quddiem il-Qorti u trid tagħmel rikors sabiex ikun hemm varjazzjoni fl-ammont konċess skont il-liġi. Barra minn hekk, fil-każ odjern ir-rikorrent kien imċaħħad mill-possibbiltà li jkun jista' jakkwista l-proprjetà tiegħu minflok jikri, billi l-Ordni ta' Ffriżar żammitu wkoll milli jkun jista' jibbenefika minn skemi maħruġa mill-Gvern għal persuni li għandhom ċerta età, u issa jirriżulta li r-rikorrent tilef iċ-ċans li jibbenefika minn dawk l-iskemi. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li fil-każ odjern ir-rikorrent għandu raġun jilmenta dwar ksur tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

25. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara wkoll li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bl-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 jipprovdi illi:

> "(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."

26. Mill-banda l-oħra, l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi imposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."

27. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ċertament li ma jistax jingħad li kien hemm sejbien ta' ħtija fil-konfront tar-rikorrent, u l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni ġiet imposta bħala miżura kawtelatorja, anki jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti ssib li din mhijiex miżura li toħloq bilanċ u proporzjon fir-rigward tad-drittijiet proprjetarji tar-rikorrent. Ċertament li din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti fejn jiġi dibattut jekk ir-rikorrent għandux jinstab ħati tal-akkużi li qiegħed jiffaċċja, jew jekk l-akkużi miġjuba kontra tiegħu kienux jikkostitwixxu reat fiż-żmien li seħħew jew le. Fis-sentenza fl-ismijiet **Camilleri *vs.* Malta**[70], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment. Article 7§1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty* (nullum crimen sine lege). *It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17 September 2009).*"

[70] QEBD, Każ numru 42931/10, 22.01.2013, para 34-35; ara ukoll Varvara v. Italy 17475/09, G.I.E.M. S.R.I. and Others v Italy, nos. 1828/06.

Il-jedd li għandu jiġi mħares permezz ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, huwa l-jedd li persuna tkun mgħarrfa u li jkollha prevedibbilità tas-sanzjoni jew penali li tista' tiffaċċja meta jkun hemm proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. Il-liġi trid tkun ċara dwar x'inhu dak li jammonta għal reat jew offiża kriminali, u għandha tassigura li s-sejbien ta' ħtija meta individwu jiffaċċja akkużi kriminali, ma jkunx wieħed arbitrarju.

28. Il-Qorti tqis li mhuwiex korrett meta r-rikorrent isostni li huwa sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għaliex huwa għadu ma nstabx ħati, u għalhekk għadu ma ġiex ikkundannat, u m'hemm l-ebda sejbien ta' reat jew piena inflitta fuqu li mhumiex previsti fil-liġi. Biex wieħed jista' jgħid li sofra leżjoni taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, wieħed irid bilfors juri li nstab ħati ta' reat li meta jkun sar, ma kienx meqjus bħala reat mil-liġi, jew inkella jrid juri li fuqu ġiet inflitta piena li kienet aktar ħarxa minn dik li kienet tapplika meta ġie kommess ir-reat. L-applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-artikolu 22 tal-Kap. 101 fil-konfront tar-rikorrent, ma joħloq l-ebda inċertezza jew imprevedibbilità la dwar l-elementi tar-reat u lanqas dwar il-piena inflitta fuq ir-rikorrent, partikolarment meta wieħed iqis li l-liġi sostantiva dwar ir-reat li hu mixli bih ir-rikorrent tgħodd għal kull min qiegħed fl-istess sitwazzjoni tiegħu. Huwa ċar u ovvju li ladarba r-rikorrent kien qiegħed jiffaċċja akkużi ta' assoċjazzjoni bi skop ta' traffikar ta' droga, waħda mill-mizuri kawtelatorji li kienet ser tinfliġġi fuqu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sa mill-bidu tas-smigħ tal-proċeduri fil-konfront tiegħu, kienet l-Ordni ta' Ffriżar. Anki jekk il-Qorti tqis li l-imsemmiija miżura kawtelatorja kif applikata fuq perijodu daqshekk twil, ma kienitx proporzjonata, b'daqshekk ma jistax jingħad li l-jeddijiet fundamentali

tar-rikorrent kif protetti taħt l-artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ġew miksura. Lanqas ma jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, li bl-ebda mod m'huwa applikabbli fil-kuntest tal-proċeduri odjerni.

29. Il-Qorti tqis ukoll li għandha tkun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li għandha tassigura li l-Ordni ta' Ffriżar in kwistjoni tiġi varjata jew modifikata b'mod li r-rikorrent ikun jista' jgħix hu u jgħajjex lill-familja tiegħu b'mod deċenti u dinjituż, u dan qiegħed jiġi deċiż fil-kuntest tat-talba tar-rikorrent biex din il-Qorti tannulla jew tirrevoka l-imsemmija Ordni. Il-Qorti timplora lill-intimati biex jassiguraw li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma jipperdurawx bla bżonn, anki sabiex dan ma jgħaddix minn aktar tbatija bla bżonn minħabba l-Ordni ta' Ffriżar li ġiet imposta.

30. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ir-rikorrent għandu jingħata rimedju li jmur lil hinn minn sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent għandu jingħata danni morali għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, liema kumpens qiegħed jiġi ffissat fis-somma ta' disat elef Euro (€9,000) li għandu jitħallas lilu mill-Istat.

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati;**
2) **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati;**
3) **Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimati;**
4) **Tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimati;**

5) **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent;**
6) **Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent;**
7) **Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent, u tiddikjara li l-intimati għandhom iħallsuh kumpens fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000), bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnu.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mill-intimati u kwantu għall-kwart mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**